

Rikors ippreżentat fis-7 ta' Frar 2017 – PepsiCo vs EUIPO – Intersnack Group (Exxtra Deep)

(Kawża T-82/17)

(2017/C 121/54)

Lingwa tar-rikors: l-Ingliż

Partijiet

Rikorrenti: PepsiCo, Inc. (New York, New York, l-Istati Uniti) (rappreżentant: V. von Bomhard u J. Fuhrmann, avukati)

Konvenut: L-Uffiċċju tal-Proprietà Intellettuali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO)

Parti oħra quddiem il-Bord tal-Appell: Intersnack Group GmbH & Co. KG (Düsseldorf, il-Ġermanja)

Informazzjoni dwar il-proċedimenti quddiem l-EUIPO

Proprjetarju tat-trade mark kontenzjuża: il-parti l-oħra quddiem il-Bord tal-Appell

Trade mark kontenzjuża kkonċernata: trade mark verbali tal-Unjoni Ewropea “Exxtra Deep” – Trade mark tal-Unjoni Ewropea Nru 12 161 981

Proċedimenti quddiem l-EUIPO: proċedimenti għal dikjarazzjoni ta' invalidità

Deċiżjoni kkontestata: deċiżjoni tar-Raba' Bord tal-Appell tal-EUIPO tal-24 ta' Novembru 2016 fil-Każ R 482/2016-4

Talbiet

- tannulla d-deċiżjoni kkontestata;
- tikkundanna lill-EUIPO u lill-intervenjenti għall-ispejjeż.

Motiv invokat

- Ksur tal-Artikolu 7(1)(b) u (c) tar-Regolament Nru 207/2009.

Rikors ippreżentat fit-8 ta' Frar 2017 – Heineken Romania vs EUIPO – Lénárd (Csíki Sör)

(Kawża T-83/17)

(2017/C 121/55)

Lingwa tar-rikors: l-Ingliż

Partijiet

Rikorrenti: Heineken Romania SA (Bukarest, ir-Rumanija) (rappreżentant: A.-M. Baci, avukat)

Konvenut: L-Uffiċċju tal-Proprietà Intellettuali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO)

Parti oħra fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell: András Lénárd (Sinraieni, ir-Rumanija)

Informazzjoni dwar il-proċedimenti quddiem l-EUIPO

Applikant għat-trade mark kontenzjuża: il-parti l-oħra fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell

Trade mark kontenzjuża: it-trade mark tal-Unjoni “Csíki Sör” – Applikazzjoni għal reġistrazzjoni Nru 12 105 839

Proċedimenti quddiem l-EUIPO: proċedimenti ta' oppożizzjoni

Deċiżjoni kkontestata: id-deċiżjoni tat-Tieni Bord tal-Appell tal-EUIPO tal-14 ta' Novembru 2016 fil-Każ R 1310/2015-2

Talbiet

- tannulla d-deċiżjoni kkontestata;
- tannulla d-deċiżjoni tad-Diviżjoni tal-Oppożizzjoni tal-1 ta' Lulju 2015 fil-proċedimenti ta' oppożizzjoni B 002 279 514;
- tilqa' l-oppożizzjoni B 002 279 514;
- tiċħad l-applikazzjoni għat-trade mark tal-Unjoni Ewropea Nru 012 105 839 "Csíki Sör" fl-intier tagħha.

Motiv invokat

- Ksur tal-Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament Nru 207/2009.

**Rikors ippreżentat fit-13 ta' Frar 2017 – Genilova Group vs EUIPO – Cloetta Italia (galatea...
è naturale)****(Kawża T-90/17)**

(2017/C 121/56)

*Lingwa tar-rikors: it-Taljan***Partijiet**

Rikorrenti: Gelinova Group Srl (Tezze di Vazzola, l-Italja) (rappreżentanti: A. Tornato u D. Hazan, avukati)

Konvenut: L-Uffiċċju tal-Proprietà Intellettuali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO)

Parti oħra quddiem il-Bord tal-Appell: Cloetta Italia Srl (Cremona, l-Italja)

Informazzjoni dwar il-proċedimenti quddiem l-EUIPO

Applikant għat-trade mark kontenzjuża: ir-rikorrenti

Trade mark kontenzjuża kkonċernata: trade mark figurattiva tal-Unjoni Ewropea li tinkludi l-elementi verbali "galatea... è naturale" – Applikazzjoni għal reġistrazzjoni Nru 13 187 695

Proċedimenti quddiem l-EUIPO: proċedimenti ta' oppożizzjoni

Deċiżjoni kkontestata: deċiżjoni tat-Tieni Bord tal-Appell tal-EUIPO tat-12 ta' Diċembru 2016 fil-Każ R 207/2016-2

Talbiet

- tannulla d-deċiżjoni kkontestata;
- tikkundanna lill-EUIPO għall-ispejjeż.

Motiv invokat

- Applikazzjoni żbaljata tal-Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament Nru 207/2009.

Rikors ippreżentat fl-14 ta' Frar 2017 – Duferco Long Products vs Il-Kummissjoni**(Kawża T-93/17)**

(2017/C 121/57)

*Lingwa tal-kawża: il-Franċiż***Partijiet**

Rikorrenti: Duferco Long Products SA (il-Lussemburgu, il-Lussemburgu) (rappreżentanti: J.-F. Bellis, R. Luff u M. Favart, avukati)